# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Numru 2159

Kaz Nru: 2911/ ET

Fil-kwistjoni tax-xoghol bejn

Alfred Brincat

u

Foster Clark Products Ltd.

Illum: 28 ta' Gunju, 2012

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta.*

CHAIRMAN: Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip. Mgt

**INTRODUZZJONI**

B'dikjarazzjoni pprezentata fir-registru tal-Qrati Superjuri fis-27 ta'April 2011, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal jiddikjara li t-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu b'effett mit-8 ta' April, 2011, mis-socjeta' ntimata ma saritx ghal raguni gusta inkluz li r-rikorrent ghandu jinghata kumpens gust.

Is-Socjeta' ntimata f'risposta taghha ta' 3 ta'Gunju 2011 esponiet u qed issostni li l-impjieg tar-rikorrent gie mitmun fit-8 ta' April 2011 rigward incident serju li kien jinvolvi kliem oxxen u agir vjolenti u aggressiv fejn ir-rikorrrent ta daqqa b'kaxxa tal-kartun lill kollega tieghu Shaun Siminiana b'konsegwenza li s-Sur Siminiana sofra hafna ugieh u li dan, fl-isptar, irrizulta, wara x-rays li kien kiser kustilja kif anke juri r-rapport tat-tabib tal-kumpanija (Dok FC2)

**Fatti**

Is-Socjeta' ntimata mpjegat lir-rikorrent minn nhar l-20 ta' Lulju 2009 sat-2 ta'Ottubru 2009 fuq kuntratt definit li baqa' jigi mgedded sa meta nqala dan il-kaz.

Fit-8 ta' April 2011, is-Socjeta ntimata baghtet l-ittra ta' terminazzjoni lir-rikorrent fejn infurmatu li l-impjieg kien qed jigi terminat b'effett immedjat wara decizjoni tal-Bord ta' Dixxiplina wara li kien inhareg charge lir-rikorrent nhar it-28 ta' Marzu 2011.

Ir-rikorrent gie akkuzat li nhar il-25 ta' Marzu 2011, meta r-rikorrent kien xoghol fix-shift ta' bil-lejl,(fil-fatt il-kaz gara fit-26 ta' Marzu fis-0100am) wara kliem oxxen, b' aggressivita u b'agir vjolenti, laqat lil Shaun Simminiana, kollega tar-rikorrent, fl-abdominali b'kartuna catta. B'konsegwenza ta' din id-daqqa, Siminiana kien mugugh hafna u ntbaghat il-Poliklinika u wara fl-isptar fejn wara li ttiehdulu X-Rays irrizulta li kellu kustilja miksura kif jidher mir-rapport tat-tabib tal-kumpanija (DOK FC2) kif ukoll mill-formola tas-Sigurta Socjali ffirmata minn Dr.Carlo Refalo (Dok FC 3).

Wara li s-socjeta giet infurmata bir-rapport mediku bdiet issegwi l-procedura tad-dixxiplina li ghandha l-kumpanija (DOK FC 4). Fic-charge l-kumpanija akkuzat lir-rikorrent fuq "*Gross Misconduct*" kif stipulat fil-prodceduri ta' dixxiplina tal-kumpanija taht il-lista ta' offences considered as "*Gross Misconduct*" sub artiklu (d) "*Fighting and assault, insulting by word or actions and threatening other fellow employees, superiors or visitors* u sub artiklu (g) "*Serious negligence which causes unacceptable loss, damage or injury".*

Skond il-proceduri ta' dixxiplina nhatar Bord tad-dixxiplina bir-rikorrent jigi nfurmat jumejn qabel tlaqqa l-Bord. Ir-rikorrent kien assistit mis-Sur Lino Vassallo. Instemghu ukoll xhiedha relevanti. Wara s-smiegh tal-Bord u wara li l-kumpanija evalwat ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-fatti kif gew pprezentati quddiema, il-kumpanija hadet id-decizzjoni li tittermina l-impjieg tar-rikorrent b' effett immedjat fit-8 ta' April 2011 (DOK. FC5).

Il-Bord tad-dixxiplina kien kompost minn Steve Vella – Manager Administration & HR u Michael Grech - Manager tas-sit fejn sar il-kaz. Denise Vella hadet il-minuti. Is-Sur Jason Zammit – HR Executive, ressaq il-kaz. Il-Bord ibbaza l-konkluzzjonijiet tieghu fuq ir-rapport ta' Jason Zammit dwar l-incident (DOK FC7) u x'xhiedha ta' Alphie Bonavia – supervisor, Shaun Siminiana u Alfred Brincat, r-rikorrent. Il-punti saljenti tar-rapport ta' Jason Zammit huma kif gej:

Nhar il-Gimgha 25 ta' Marzu 2011, fix-xift ta 'bil-lejl f'hin minnhom Shaun Similiana mar hdejn ir-rikorrent biex ihalli l-ixkupa u l-pala fejn il-"*bailer*'. Ir-rikorrent qallu biex ma jahlix hin jitkellem ma' haddiema ohra. Siminiana qallu li hu tkellem ma Sarah Jane Abela u Jennifer Zammit fuq xoghol biss. Ir-rikorrent qallu biex ma jiccajtax mieghu filwaqt li Siminiana qallu li hu ma ccajtax. Ir-rikorrent qallu biex ma jaghddihx biz-zmien. Siminiana baqa sorpriz imma xorta baqa jghin lir-rikorrent. Ftit wara Siminiana nnota li r-rikorrent kien qabad kartuna u twieha fi tlieta u waqt li Siminiana kien ghaddej bix-xoghol, f'daqqa wahda, r-rikorrent xejjer daqqa bil-kartuna taht sider Siminiana n-naha leminija. Fl-istess hin r-rikorrent beda jghajjat ma Siminiana li jekk ghadu jiflah jaqbad il-pala u jaghti daqqa lilu bi tpattija. Siminiana mar mill-ewwel jirraporta l-

incident lil Alphie Bonavia – Supervisor, li ghamel rapport. Bonavia qabbad lil-Dennis Zammit biex jiehu lil Siminiana l-poliklinika tal-Mosta li minn hemm it-tabib baghtu l-isptar Mater Dei fejn gie ccertifikat b'kustilja miksura u nghata certifikat medika miftuh. Wara mar ukoll it-tabib tal-kumpanija d-dar ta' Siminiana li ukoll ghamillu certifikat mediku miftuh.

Il-punti saljenti fir-rigward tal-Bord tad-dixxiplina:

Jason Zammit ressaq il-kaz li gie spjegat fir-rapport ta' Zammit stess. Lino Vassallo ghar-rikorrent iddikjara li mhux hati ghax l-affarijiet ma grawx kif spegat fir-rapport.
L-ewwel xhud, Alphie Bonavia – Supervisior qal li Siminiana ghamel rapport li r-rikorrent qabad kartuna u tah daqqa biha u li wara l-break Siminiana kien mugugh hafna. Ir-rikorrent qallu li Siminiana offendih u tawwal ilsienu. Ir-rikorrent ma cahadx li tah id-daqqa izda Bonavia ma kienx prezenti meta gara l-incident. Mistoqsi minn Michael Grech jekk Siminiana rritaljax, Bonavia wiegeb fin-negattiv. It-tieni xhud kien Siminiana. Hu qal li meta mar biex jghin lir-rikorrent dan qallu "gbajt tpacpac" u Siminiana qallu 'ín-nies ma jkellmux in-nies?' Ir-rikorrent wiegbu 'ticcaccrax u 'oqghod kwiet'. Siminiana qal li kien hawnhekk li r-rikorrent qabad il-kartuna mitwija fi tlieta u tah daqqa go gembu. Siminiana qal li kellu pala u xkupa imma ma rritaljax.

Michael Grech staqsa jekk ir-rikorrent setax refa' l-kartuna u laqtu. Siminiana wiegeb li le u li hu mill-ewwel mar jirraporta. Alphie Bonavia, is-supervisor meta kellem lir-rikorrent dan qallu li Siminiana offendieh. Siminiana wiegeb lil Brincat: "offendejtu? Jien mort fuq xoghol".

Lino Vassallo staqsa jekk Siminiana kellux battibekk meta mar jghin lir-rikorrent u kif kien it-ton. Siminiana qal li r-rikorrent qallu taghdddix iz-zmien bija b'ton normali. Wara tah id-daqqa u r-rikorrent qallu "tija" biex jipprovokah. Siminiana kompla li d-daqqa taghjielu ghal xejn b'xejn u qal li kienet daqqa sew.

It-tielet xhud kien ir-rikorrent. Ir-rikorrent rrakonta li Siminiana kien mohhu biex jiccaccra u hu jahdem ghalih. Qal li Siminiana beda joffendih ghax qallu li rridu nahdmu id f'id. Ir-rikorrent qal, li biex jiccajta qallu 'ntik daqqa ta' ponnu nwaddbek mal hajt'. Ir-rikorrent qal li qallu hekk bhala hbieb. Fl-istess hin qal li qabad kartuna u b' incident qal li tah daqqa biha min isfel ghal fuq. Steve Vella staqsa kif offendih Siminiana u r-rikorrent iddiskriva kif u qal li wara dan u laqtu bil-kartuna li skont hu kienet twegga hafna. Steve Vella iddikjara li Siminiana spicca b'kustilja miksura. Vella fakkar ukoll meta r-rikorrent kien tilef it-tempra u taghha daqqa ta'ponn mal-hajt. Ir-rikorrent halef li ma taghielux id-daqqa'. Michael Grech qal li r-rikorrent jaghmel xoghlu sew izda meta taghha daqqa ta'ponn mal-hajt talab li igibuha li kien waqa'.

Fis-sottomissjonijiet finali tal-Bord, Lino Vassallo kkonkluda li ma kienitx daqqa apposta. Kompla li ma kienx hemm xhieda hlief ir-rikorrent u ghaldaqstant ma kienx hemm bizzejjed provi ghal decizjoni. Michael Grech wiegeb "li kustilja miksura ghalik mhux bizzejjed?". Vassallo wiegeb "Le ghax mhix rizultat ta'daqqa apposta." Ir-rikorrent fl-ahhar qal hekk "Nixtieq li meta nigi biex nirregistra ma nigix imkecci, irrid nirregistra ghax jien familja ghandi, allinqas inkun nista niehu xi haga, jien familja ghandi".

**Provi**

F'dawn il-proceduri xehdu Steve Vella- Administration & Human Resources Manager, Shaun Siminiana, Alfred Bonavia – Supervisor, Michael Grech –Site Manager, Norman Bonavia – OHSC Manager u Alfred Brincat – ir-rikorrent.
Diversi dokumenti gew ipprezentati fosthom dawk imsemmija taht il-fatti.

**Kunsiderazzjonijiet**

It-Tribinal f'dan il-kaz ghandu biex jikkunsidra jekk ir-rikorrent kisirx il-kodici ta' dixxiplina taht il-lista ta' '*offences considered as gross misconduct'* sub artiklu (d) u (g) mill provi, fatti esebiti u x-xhiedha tul il-process.

Il-kunsiderazzjonijiet principali huma kif gej:

- Il-kontenut tar-rapport tal-Bord tad-Dixxiplina, kif spegat that il-fatti, fl-ebda hin ms gie nnegat waqt il-process.

- Ir-rikorrent qatt ma nnega li ta daqqa jew laqat b'kartuna lil Siminiana.

- Illi meta Siminiana ddahhal l-isptar mugghuh, wara li sarulu X-Rays irrizulta li Siminiana kien kiser kustilja kif jixhed ir-rapport tat-tabib tal-kumpanija.

- Illi filwaqt li Siminiana qal li r-rikorrent aggredih b'rabja u b'daqqa ta'kartuna, r-rikorrent sostna li laqtu bi zball. Illi li meta gara l-incident ma kienx hemm xhieda apparti r-rikorrent u Siminiana.

Punti saljenti mix-xhiedha principali:

Steve Vella – Administration & HR Manager / Membru tal-Bord tad-Dixxiplina:

Vella spjega li meta dahal xoghol it-Tnejn filghodu 28 ta' Marzu 2011, sab lil genituri ta' Siminiana jitolbu meeting urgenti ghax it-tifel taghhom gie aggredit waqt in-night shift u kisrulu kustilja u deheru inkwetati. Vella kompla biex qal li l-kumpanija tablet statement of events lil Siminiana u nbaght it-tabib tal-kumpanija biex jivverifika l-ksur tal-kustilja, nhareg charge u ntalbet spejgazzjoni mir-rikorrent. Ic-charge gie kontestat u nhatar Bord tad-Dixxiplina. Ir-rikorrent inghata avviz ghal Bord u d-dritt li jkollu rapprezentat biex jassistieh. Vella kien ic-chairman tal-Bord bir-responsabilita tad-decizjoni finali. Ir-rikorrent ammetta li taghha daqqa ta'kartuna lil Siminiana izda qal li laqtu. Il-Manager responabbli mis-section kien ukoll fuq il-Bord. Is-Sur Lino Vassallo assista lir-rikorrent. Jason Zammit, l-assistant ta' Vella, ressaq il-kaz. Vella qal li l-Bord ezamina l-precedenti tar-rikorrent rigward dixxiplina fuq ix-xoghol. Ir-rikorrent kellu kaz meta taghha daqqa ta' ponn mal-hajt u kiser idu u pprova jikklemja injury. Il-kumpanija skond Vella hadet inkonsiderazzjoni li l-kaz ta' Siminiana kien it-tieni kaz ta'aggressjoni mir-

rikorrent u ma' setghetx tirriskja iktar u b'hekk iddecidiet li ttemm l-impjieg. Aggressjoni hi haga ntollerabbli.

Vella kkonferma ukoll li l-proceduri ta'dixxiplina huma maghrufa mill-haddiema kollha u huma l-istess ghal-kulhadd.

Shaun Siminiana – cleaner:

Fix-xhiedha tieghu Siminiana spjega kif gara' l-incident. Wara li qal kelma ma zewg haddiema, Siminiana mar hdejn ir-rikorrent biex jghinu bil-kartun. Ir-rikorrent qallu xbajt tpacpac. Wara qallu darbtejn biex ma jitmellahx bieh. F'hin minnhom ir-rikorrent, skond Siminiana tewha kartuna hoxna fi tlieta, ghezzez snienu u tah daqqa biha f'gembejh. Siminiana kompla jghid li t-tip ta' kartuna hija iebsa daqs l-injam u li r-rikorrent tahielu minn warajh u ma setax jarah u jipprova jevita. Siminiana qal ukoll li r-rikorrent sfidah ghal daqqa lura ghax Siminiana kellu pala u xkupa f'idu. Siminiana m'ghamilx dan u mar fejn is-supervisor biex jirraporta x'gara. Qal li kien mugugh hafan. Siminiana ukoll ikkonferma il-kontenut tar-rapport tal-Bord tad-Dixxiplina (DOK FC 6) Siminiana qal ukoll li fl-incident kienu wehedhom.

Alfie Bonavia – Supervisor:

Bonavia qal li f'hin waqt in-night shift Siminiana mar fuqu u qallu li kellu ugieh f'gembejh wara li r-rikorrent kien tah daqqa ta' kartuna. Huwa ghamel *incident report*. Bonavia staqsa lir-rikorrent ghaliex kien tah daqqa lil Siminiana u wiegbu li ghax kien kellmu hazin lura. Meta mistoqsi jekk ir-rikorrent qatt qallu li d-daqqa kienet bi zball, Bonavia qal li r-rikorrent qal li tahielu ghax kien kellmu hazin lura.

Norman Bonavia – OHSC Manager

Is-Sur Bonavia spjega li kien xogholu li jimla u jiffirma l-formola tas-Sigurta Socjali rigward applikazzjoni ghal beneficcju u rapport dwar korriment fuq ix-xoghol. Bonavia qal li r-rapport ghamlu wara li segwa r-rizultat ta l-inveztigazzjonijiet fuq il-kaz. Fl-opinjoni tieghu, Bonavia qal li l-kaz kien ta' tkeccija.

Alfred Brincat: - ir-rikorrent ta' l-verzjoni tieghu kif gara l-kaz. Qal li Siminiana kien daqsxejn irrabjat ghax hadulu l-licenzja tas-sewqan u wehel hu mieghu. Qal li beda joffendih bil-familja u f'daqqa wahda x'hin gie biex jarmi l-kartun fil- bailer sab lil Siminiana quddiemu u biex iffittex jehles hadu zbrixx b'accident u mhux apposta. Hu qal li din il-bicca giet esegerata zzejjed. Meta gie mistoqsi ghaliex fil-Bord tad-Dixxiplina ma kienx semma xejn fuq il-licenja tas-sewqan ir-rikorrent wiegeb li ghamel hekk biex ma jaqlax paroli.

Michael Grech: Site Manager / Membru tal-Bord tad-Dixxiplina:

Grech qal li it-Tnejn wara li sar il-kaz sab ir-rapport tas-supervisor u ghaddieh lis-superjuri tieghu. Grech qal li fil-Bord semgha z-zewg partijiet u ddelibera ma Steve Vella u qablu t-tnejn fuq id-decizzjoni u li hu kien konvint minn dak li kien iddecieda.

Dan permess, it-Tribunal jikkonsidra li:

Ii-Tribunal jinnota li l-kumpanija mxiet skond il-proceduri tad-dixxiplina rigward kif mexxiet il-kaz.

Ir-rapporti medici wrew car li Siminiana sofra ksur ta' kustilja bid-daqqa ta'kartuna tar-rikorrent.

Illi ghalkemm ma' kienx hemm xhiedha meta gara l-incident, xhud importanti kien Alfie Bonavia, Supervisor, li xhed li meta staqsa lir-rikorrent ghaliex kien ta' id-daqqa, r-rikorrent qallu li tahielu ghaliex Siminiana kien kellmu hazin lura u fl-ebda hin ma qallu li ghax laqtu bi zball.

It-Tribunal jinnota li, wara li bir-reqqa gharaf kull dettal tal-kaz kollu, iqis il-kaz bhala wiehed gravi ta' *"Gross misconduct*" kif ukoll stipulat fil-proceduri ta' dixxiplina tas-socjeta ntimata taht il-lista ta' "*offences considered as gross misconduct"* subartikli (d) u (g).

**Decizjoni**

Mehuda in-konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, ix-xhieda mismugha, d-dokumenti esebiti u s-sottomissjonijiet tal-partijiet, it-Tribunal qed jaghti ragun lis-socjeta ntimata li tittermina l-impjieg tar-rikorrent.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jiddeciedi li s-socjeta ntimata kienet korretta li tittermina l-impjieg tar-rikorrent ghal kawza gusta.

Ghal finijiet ta' l-Avviz Legali 48 tal-1986 jistabilixxi drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' tlieta u disghin euros u sbatax-il centezmu (€93.17)

Iffirmat : Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip.Mgt
**CHAIRMAN**

Vera kopja

Mary Rose Galea
Ghas-Segretarju